**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 441/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**Spettur Kurt Zahra**
**Spettur Robert Said Sarreo**
**vs**
**Amadeo Grima**

**Illum il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Amadeo Grima detentur tal-karta tal-identita' b'numru 259780(M).

Akkuzat talli nhar id-19 t'April, 2016 ghall-habta ta' 14:30 minn gewwa l-istabbiliment Special Delivery, li jinsab fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, ikkometta serq ta' €300 fi flus kontanti ghad-detriment ta' Marija Lwiza Buttigieg detentrici ta' karta tal-identita' b'numru 39755(M) u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 ewro). (Art 261(b)(c), 263, 279(a) Kap 9);

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), u li saret ghad-dannu ta' Marija Lwiza Buttigieg detentrici ta' karta tal-identita'

b'numru 39755(M) u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra. (Art 325(1)(c) Kap 9);

U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 22 ta' Settembru 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 1 ta' Settembru 2016 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u rat ukoll il-kunsens ta' l-imputat biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja u dan anke wara li l-Qorti tatu zmien biex jerga' jahsibha huwa ikkonferma l-kunsens tieghu u dan ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata waqt l-istess seduta datata 22 ta' Settembru, 2016 u cioe fl-ewwel opportunita moghtija lilu quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, seta' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Il-Qorti rat ukoll il-Fedina Penali ta' l-imputat li tinsab ezebita fl-atti tal-process u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li f'perjodu ta' tmintax-il sena l-imputat kellu diversi udjenzi quddiem il-Qorti meta nstab hati ta' diversi reati u ghalhekk jirrizulta li l-imputat ma tghallem xejn minn dawn l-esperjenzi u ma sfruttax l-opportunitajiet moghtija lilu mill-Qorti ta' sentenzi sospizi, probations, conditional discharges, multi u ammendi, tant li

spicca quddiem din il-Qorti bl-akkuzi odjerni b'reati simili ta' serq aggravat minkejja li l-ammont in kwistjoni m'huwiex wiehed kbir.

Il-Qorti ghalhekk fic-cirkostanzi thoss li ghandha tigi inflitta piena ta' prigunerija effettiva, b'dan li l-Qorti qeghda fl-istess waqt tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat registrata fl-ewwel opportunita moghtija lilu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 263, 279(a), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **issib l-imputat Amadeo Grima hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u qed tikkundannah kumplessivament ghal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva.**

**(ft) Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**